

Brussell, 21 ta' Mejju 2024
(OR. en)

9957/24

TELECOM 184
DIGIT 135
CYBER 165
COMPET 556
RECH 233
PI 68
MI 505
EDUC 175
JAI 802
ENFOPOL 232
COSI 83

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 21 ta' Mejju 2024

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 9484/24

Suġġett: Il-Futur tal-Politika Diġitali tal-UE

- Konklużjonijiet tal-Kunsill (21 ta' Mejju 2024)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Futur tal-Politika Diġitali tal-UE, approvati mill-Kunsill (Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija) fl-4024 laqgħa tiegħu tal-21 ta' Mejju 2024.

IL-FUTUR TAL-POLITIKA DIĠITALI TAL-UE**II-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,****FILWAQT LI JFAKKAR**

- Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-7 ta' Ġunju 2019 dwar il-futur ta' Ewropa b'diġitalizzazzjoni għolja wara l-2020 bit-titolu "Tingħata spinta lill-kompetittività diġitali u ekonomika mal-Unjoni kollha u lill-koeżjoni diġitali",
- Fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Frar 2020 dwar Strateġija Ewropea għad-data,
- Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2020 dwar it-Tiswir tal-futur diġitali tal-Ewropa,
- Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2020 dwar Id-Diġitalizzazzjoni għall-Benefiċċju tal-Ambjent,
- Fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' April 2021 bit-titolu "Inrawmu approċċ Ewropew għall-Intelliġenza Artifiċjali", u l-Anness tagħha "Pjan Ikkoordinat dwar l-Intelliġenza Artifiċjali - Rieżami tal-2021",
- Fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Frar 2022 dwar Strateġija tal-UE dwar l-Istandardizzazzjoni - L-istabbiliment ta' standards globali b'appoġġ għal suq uniku tal-UE reżiljenti, ekoloġiku u diġitali,
- Fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Mejju 2022 dwar Deċennju Diġitali għat-tfal u ż-żgħażaġh: l-istrateġija Ewropea l-għdida għal internet aħjar għat-tfal (BIK+),
- Fid-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li tistabbilixxi l-Programm ta' Politika tal-2030 dwar id-Deċennju Diġitali (minn hawn 'il quddiem "il-Programm ta' Politika dwar id-Deċennju Diġitali") u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Settembru 2023 dwar l-Istat tad-Deċennju Diġitali 2023,
- Fid-Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali għad-Deċennju Diġitali tat-23 ta' Jannar 2023,
- Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2023 dwar il-kompetittività, is-suq uniku u l-ekonomija,

- Fid-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 dwar Sena Ewropea tal-Ħiliet,
- Fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Ġunju 2023 dwar l-implimentazzjoni tas-sett ta' għodod għaċ-Ċibersigurtà tal-5G,
- Fil-Komunikazzjoni Konġunta tal-20 ta' Ġunju 2023 dwar Strateġija Ewropea ta' Sigurtà Ekonomika,
- Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2022 u tas-26 ta' Ġunju 2023 dwar id-Diplomazija Diġitali tal-UE,
- Fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Lulju 2023 bit-titolu "An EU initiative on virtual worlds: a head start in the next technological transition",
- Fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Ottubru 2023 dwar oqsma kritiċi tat-teknoloġija għas-sigurtà ekonomika tal-UE għal valutazzjoni tar-riskju ulterjuri mal-Istati Membri,
- Fil-pożizzjoni tal-Kunsill u s-sejbiet tas-17 ta' Novembru 2023 dwar l-applikazzjoni tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR),
- Fir-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2023 dwar it-titjib tal-forniment tal-ħiliet u l-kompetenzi diġitali fl-edukazzjoni u t-taħriġ u dwar il-fatturi abilitanti ewlenin għas-suċċess tal-edukazzjoni u t-taħriġ diġitali,
- Fil-pakkett tal-Kummissjoni dwar l-innovazzjoni fl-IA tal-24 ta' Jannar 2024 biex jappoġġa n-negozji ġodda u l-SMEs tal-Intelliġenza Artifiċjali,
- Fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Frar 2024 dwar Infrastrutturi Siguri u Reżiljenti tal-Kejbils Sottomarini,
- Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-futur taċ-ċibersigurtà, l-implimentazzjoni u l-protezzjoni flimkien, tal-21 ta' Mejju 2024,

1. JISSOTTOLINJA li t-trasformazzjoni diġitali u l-iżvilupp tas-Suq Uniku Diġitali joffru opportunitajiet sinifikanti għal kwalità aħjar tal-ħajja, tkabbir ekonomiku u sostenibbiltà u huma essenzjali biex jikkontribwixxu għal ekonomija u soċjetà innovattivi, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u ġusti fl-Unjoni.
2. JISĦAQ li trasformazzjoni diġitali tas-soċjetajiet tagħna li tirnexxi tista' tkun ibbażata biss fuq il-fiduċja reċiproka fost l-atturi kollha, inkluż l-Istati Membri, iċ-ċittadini u n-negozji u JISSOTTOLINJA l-impenn li ħadet l-UE fil-Programm ta' Politika dwar id-Deċennju Diġitali biex tiġi żgurata trasformazzjoni diġitali sigura, sikura, inklużiva, aċċessibbli u sostenibbli, ibbażata fuq it-tmexxija teknoloġika, il-kompetittività u fuq approċċ iċċentrat fuq il-bniedem, fejn il-valuri tal-UE jiġu promossi u d-drittijiet fundamentali jiġu protetti b'rispett sħiħ tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u f'konformità mad-Dikjarazzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali.
3. JENFASIZZA l-ambizzjoni tal-UE li taqdi rwol ewlieni dinji fit-trasformazzjoni diġitali u l-governanza diġitali li jirrispetta, jippromwovi u jipproteġi d-drittijiet universali tal-bniedem, id-demokrazija u l-iżvilupp sostenibbli, u li jpoġġi lin-nies u d-drittijiet universali tal-bniedem tagħhom fiċ-ċentru, f'konformità mad-dritt internazzjonali u d-Dikjarazzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali.
4. JAFFERMA MILL-ĠDID li s-sovranià diġitali b'mod miftuħ hija essenzjali biex l-Unjoni tfassal it-triq tagħha stess fit-trasformazzjoni diġitali, issaħħaħ l-awtonomija strateġika miftuħa u r-reżiljenza tal-Unjoni, issaħħaħ l-ekonomija u l-industrija tagħha u tippromwovi żvilupp teknoloġiku sostenibbli fl-Unjoni kollha. IFAKKAR li dan għandu jkun konformi mal-impenn tal-Unjoni għal suq diġitali globali ġust, miftuħ u bbażat fuq ir-regoli u f'kooperazzjoni b'saħħitha mas-sħab internazzjonali tagħha.

5. JENFASIZZA, mingħajr ma jantiċipa d-diskussjonijiet dwar ir-Regolament tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) li jmiss, li t-trasformazzjoni diġitali teħtieġ investimenti adegwati, ikkombinati u kkoordinati fil-livell tal-UE flimkien ma' investimenti minn atturi pubbliċi u privati fil-livell nazzjonali. Dawn l-investimenti, b'mod partikolari ingranati mill-Programm Ewropa Diġitali (DIGITAL), il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE Diġitali) u Orizzont Ewropa, huma importanti biex jitrawmu r-riċerka u l-innovazzjoni responsabbli, il-ħiliet diġitali, l-infrastruttura u l-iżvilupp u l-adozzjoni ta' teknoloġiji diġitali fl-UE kollha. JISSOTTOLINJA l-importanza li jiġi żgurat li l-proċeduri fil-programmi ta' finanzjament tal-UE jiġu ssimplifikati, bil-ħsieb li jittejjbu ċ-ċertezza u l-prevedibbiltà u li jitrawmu kundizzjonijiet ekwi għall-atturi kollha involuti, inkluż l-SMEs u n-negozji ġodda, fl-UE kollha. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tipprijoritizza bejn l-azzjonijiet meta tħejji l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni fil-limiti massimi applikabbli tal-QFP u tippromwovi sinerġiji bejn l-isforzi ta' riċerka u innovazzjoni taħt Orizzont Ewropa u inizjattivi prattiċi ta' varar fl-ambitu DIGITAL u tal-qasam diġitali tal-FNE, peress li dawn il-programmi huma strumentali biex jintlaḥqu l-miri tal-Programm ta' Politika tal-Unjoni dwar id-Deċennju Diġitali. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tnaqqas l-ostakli amministrattivi għall-atturi pubbliċi u privati biex jaċċessaw il-fondi tal-UE.

Regoli u governanza diġitali

6. JINNOTA l-għadd sinifikanti ta' atti leġislattivi tal-UE li ġew adottati f'dawn l-aħħar snin biex jissaħħaħ is-Suq Uniku Diġitali u JISĦAQ fuq il-ħtieġa li fis-snin li ġejjin tingħata prijorità lill-implimentazzjoni effettiva u effiċjenti tagħhom. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jiġi vvalutat bir-reqqa l-impatt ta' kwalunkwe inizjattiva leġislattiva ġdida, b'mod partikolari bil-ħsieb li jiġi żgurat bilanċ bejn il-piż tal-innovazzjoni u dak regolatorju billi jiġi ggarantit qafas regolatorju koerenti, jiġi minimizzat il-piż amministrattiv u jiġi evitat ir-riskju li jiġi mfixkel Suq Uniku Diġitali Ewropew aġli u li jiffavorixxi l-innovazzjoni filwaqt li jibqa' viġilanti għar-riskji potenzjali ta' żviluppi teknoloġiċi ġodda. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni twettaq analiżi ta' nofs it-terminu tal-interazzjoni tal-atti leġislattivi orizzontali u settorjali tal-UE fi kwistjonijiet diġitali.

7. JIRRIKONOXXI l-istabbiliment ta' diversi bordijiet tal-UE, sabiex tiġi żgurata l-koordinazzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, kif ukoll ir-rwol ta' infurzar tal-UE b'hall-Att dwar is-Servizzi Diġitali, l-Att dwar is-Suq Diġitali, l-Att dwar il-Governanza tad-Data, l-Att dwar id-Data, l-Att dwar Ewropa Interoperabbli u l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jrawmu sinerġiji, jevitaw id-duplikazzjoni u jadottaw approċċ koordinat għall-istrutturi ta' governanza eżistenti, filwaqt li jqisu d-diviżjoni tal-kompetenzi fil-livell tal-UE u dak nazzjonali, sabiex tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-Suq Uniku Diġitali tal-UE kif ukoll biex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali. JISSOTTOLINJA l-interazzjoni mal-ħidma mwettqa minn korpi oħra b'kompetenzi fi kwistjonijiet diġitali, ċibernetiċi u tad-data b'hall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA), iċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza fil-qasam taċ-Ċibersigurtà (ECCC), il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPB) u l-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC).
8. JAPPELLA lill-Kummissjoni, f'kollaborazzjoni mal-Istati Membri, biex tirrifletti dwar għodod u soluzzjonijiet biex jinbnew sinerġiji u tiġi żgurata l-konsistenza fl-applikazzjoni ta' atti leġiżlattivi eżistenti u biex tesplora modi biex jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-atturi pubbliċi u privati, b'mod partikolari għall-SMEs, in-negozji ġodda u n-negozji li qed jespandu kif ukoll l-awtoritajiet lokali.
9. JIRRIKONOXXI li, fid-dawl tal-importanza dejjem akbar tat-teknoloġiji diġitali, il-qafas legali attwali jinvolveva elementi importanti taċ-ċibersigurtà b'has-sigurtà u r-reżiljenza mid-disinn, biex jiġu indirizzati l-vulnerabbiltajiet taċ-ċibersigurtà fil-prodotti, is-servizzi u l-proċessi diġitali. Għalhekk, JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li tiġi żgurata l-koerenza inerenti bejn il-politika diġitali u dik taċ-ċibersigurtà tal-UE.

10. JISSOTTOLINJA l-importanza ta' implimentazzjoni u infurzar effettivi u effiċjenti tal-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali biex titrawwem l-innovazzjoni, tiġi żviluppata u promossa intelliġenza artifiċjali affidabbli (minn hawn 'il quddiem "IA"). JENFASIZZA f'dan ir-rigward li kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Uffiċċju tal-IA, il-Bord tal-IA, il-Bord dwar l-IA u l-forum konsultattiv hija kruċjali u JISTIEDEN lill-Kummissjoni tirrifletti wkoll fuq ir-rwol futur taċ-Ċentru Ewropew tat-Trasparenza Algoritmika u tisfrutta l-għarfien espert tiegħu lil hinn mill-Att dwar is-Servizzi Diġitali. IĦEĠĠEĠ ukoll lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-ekosistema tal-innovazzjoni tal-IA, inkluż billi jkomplu jikkoordinaw l-appoġġ għall-iżvilupp, l-ittestjar, l-implimentazzjoni u l-espansjoni tas-soluzzjonijiet tal-IA.
11. JENFASIZZA l-importanza ta' standards u ċertifikazzjonijiet armonizzati, b'mod partikolari fil-kuntest tal-IA, iċ-ċibersigurtà, l-identità diġitali, il-mekkaniżmi u s-servizzi tal-kondiviżjoni tad-data u l-ispazji komuni Ewropej tad-data, kif ukoll il-potenzjal ta' ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja, sabiex jippermettu u jstimulaw aktar l-adozzjoni ta' teknoloġiji diġitali allinjati mar-rekwiżiti leġislattivi tal-UE. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni toħroġ talbiet ta' standardizzazzjoni fil-ħin, b'mod miftuħ u koerenti, li jinvolvu lill-Istati Membri, lill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni u lill-partijiet ikkonċernati kif xieraq, filwaqt li tiffaċilita kemm jista' jkun il-konformità tal-Istati Membri u tan-negozji.

L-effetti tad-diġitalizzazzjoni fuq is-soċjetà

12. JIRRIKONNOXXI l-ħtieġa li jitrawmu l-innovazzjoni, l-intraprenditorija u l-iżvilupp tas-suq kapitali u li jiġu massimizzati l-benefiċċji tad-diġitalizzazzjoni għal kulħadd, filwaqt li fl-istess ħin jiġu stabbiliti salvagwardji rigward ir-riskji u l-isfidi relatati mat-teknoloġiji u s-servizzi diġitali, inkluż id-diskriminazzjoni, id-diżinformazzjoni, il-kontenut illegali online, il-vjolenza ċibernetika, is-serq tal-identità, il-ksur tas-sigurtà, il-kwistjonijiet tal-protezzjoni tad-data u n-nuqqas ta' aċċess u l-għażla tal-utent. F'dan ir-rigward JISĦAQ fuq l-importanza tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data kif ukoll tar-regoli l-ġodda li jiddefinixxu l-obbligi għall-pjattaformi online, il-magni tat-tiftix online u l-gwardjani, b'mod partikolari permezz tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali u l-Att dwar is-Swieq Diġitali. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu bl-infurzar strett ta' dawn ir-regoli biex jiżguraw li r-riskji tas-soċjetà jiġu indirizzati, b'mod partikolari għall-protezzjoni tat-tfal, u biex ikomplu d-diskussjonijiet dwar l-isfidi li qed jiżdiedu relatati mal-promozzjoni ta' ambjent online aktar sikur, responsabbli u affidabbli, inkluż il-ħtieġa possibbli għal sforzi konġunti addizzjonali.
13. JESPRIMI TĦASSIB li bi tpattija għall-aċċess għas-servizzi diġitali, l-utenti spiss jipprovdu ammonti kbar ta' data mingħajr ma jifhem kompletament kif tintuża d-data tagħhom u l-implikazzjonijiet tagħha. JISĦAQ fuq l-importanza li ssir riflessjoni ulterjuri dwar ir-riskji tas-soċjetà li jirriżultaw mis-servizzi diġitali u li titqies il-ħtieġa għal kwalunkwe miżura, inkluż miżuri mhux leġiżlattivi, biex jiġu indirizzati kwistjonijiet relatati ma' disinji li jgħolqu dipendenza u qarrieqa kif ukoll traċċar online eċċessiv li jirriżulta mill-użu ta' teknoloġiji ta' traċċar mill-fornituri ta' servizzi diġitali. IFAKKAR fil-ħtieġa ta' attenzjoni speċjali għall-benesseri tat-tfal, billi jiġu protetti milli jkunu esposti għal ċerti tipi ta' kontenut, tiġi ssalvagwardjata d-data tagħhom, tiġi protetta l-privatezza tagħhom u jingħataw is-setgħa li jagħmlu għażliet infurmati.

14. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex teżamina l-funzjonament tad-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika u l-lakuni potenzjali fiha, filwaqt li tqis l-iżvilupp teknoloġiku u l-evoluzzjoni tas-servizzi diġitali u l-mudelli kummerċjali tagħhom, it-tkabbir tal-ekonomija tad-data kif ukoll ix-xenarju leġiżlattiv usa' tal-UE u l-miżuri ta' politika ta' rilevanza għall-kuntest diġitali.
15. JIRRIKONOXXI l-ħtieġa li tiġi żgurata l-kapaċità tal-awtoritajiet kompetenti fil-qasam tas-sigurtà u l-ġustizzja kriminali, eż. l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji, li jeżerċitaw is-setgħat legali tagħhom, kemm online kif ukoll offline, biex jipproteġu s-soċjetajiet u ċ-ċittadini tagħna. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu jistgħu jaċċessaw id-data b'mod legali u mmirat, b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali u l-liġijiet rilevanti dwar il-protezzjoni tad-data, filwaqt li tiġi mħarsa ċ-ċibersigurtà. JENFASIZZA li kwalunkwe azzjoni li tittieħed għandha tibbilanċja bir-reqqa dawn l-interessi mal-prinċipji tan-neċessità, tal-proporzjonalità u tas-sussidjarjetà.
16. IĦEĠĠEĠ l-iżvilupp ta' każijiet konkreti ta' użu għas-servizzi tas-settur pubbliku u privat fl-użu tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali u s-servizzi fiduċjarji bbażati fuq ir-Regolament għal Qafas Ewropew tal-Identità Diġitali inkluż billi jiġi żgurat l-allinjament fil-leġiżlazzjoni kollha tal-UE, filwaqt li tiġi rrispettata n-natura volontarja tagħha għall-utent finali. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex toffri gwida u tiżviluppa politiki u għodod armonizzati f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri biex tiżgura soluzzjonijiet tal-identità diġitali u servizzi fiduċjarji siguri, faċli għall-utent u interoperabbli, inkluż għall-verifika tal-età u tal-identità.
17. JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirriflettu aktar dwar il-konsegwenzi potenzjali mhux mixtieqa tad-diġitalizzazzjoni fuq is-soċjetà, il-klima u l-ekonomija fil-qafas tal-mekkaniżmi eżistenti, bħad-Dikjarazzjoni tad-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali jew il-Programm ta' Politika tal-UE dwar id-Deċennju Diġitali.

Teknoloġiji diġitali u mill-aktar avvanzati

18. JIRRIKONOXXI l-importanza ta' approċċ Ewropew komuni u strateġiku għal teknoloġiji diġitali innovattivi bħas-semikondutturi avvanzati, l-IA, it-teknoloġiji kwantistiċi, it-teknoloġija 6G, l-infrastruttura tal-blockchain, it-tewmin diġitali u d-dinjiet virtwali, u għal teknoloġiji futuri, bħala faċilitaturi għall-iżvilupp teknoloġiku u l-kompetittività tal-UE fil-livell globali, kif ukoll għall-iżvilupp sostenibbli. IĦEĠĠEĠ il-promozzjoni ta' ekosistemi dinamiċi madwar teknoloġiji diġitali ewlenin li jappoġġaw l-iżvilupp, l-introduzzjoni u l-adozzjoni tagħhom fost is-setturi pubbliċi u privati tal-UE, abbażi tal-ftuħ u kundizzjonijiet ekwi, b'mod partikolari għall-SMEs, in-negozji ġodda u n-negozji li qed jespandu f'konformità mal-istrateġija tal-SMEs għal Ewropa sostenibbli u diġitali. IĦEĠĠEĠ l-iżvilupp ta' beni komuni diġitali li jikkontribwixxu biex tiżdied l-użabilità ta' teknoloġiji u data ġodda għall-benefiċċju ta' soċjetà kollha kemm hi.
19. JISSOTTOLINJA l-importanza li tiġi appoġġata u ffaċilitata ekosistema Ewropea reżiljenti, ekoloġika, sikura u sigura fis-semikondutturi u l-mikroelettronika u JENFASIZZA, f'dan ir-rigward, l-implimentazzjoni rapida tal-Att Ewropew dwar iċ-Ċipep, b'mod partikolari l-istabbiliment ta' ċentri ta' kompetenza.
20. JISĦAQ fuq il-potenzjal ekonomiku u strateġiku tat-teknoloġiji kwantistiċi għall-kompetittività xjentifika, teknoloġika u industrijali tal-UE u JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ikomplu l-isforzi biex jinħolqu sinerġiji bejn l-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp u jikkoordinawhom, jappoġġaw inizzjattivi konġunti u jħeġġu aktar investimenti f'kumpaniji kwantistiċi tal-UE mis-setturi pubbliċi u privati.

21. JIRRIKONOXXI l-importanza ta' Proġetti Multinazzjonali biex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' proġetti fuq skala kbira li jikkontribwixxu għat-tkabbir u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet diġitali tal-UE u għall-benefiċċji taċ-ċittadini kif ukoll tal-atturi pubbliċi u privati. F'dan ir-rigward, JAPPOĠĠA l-iżvilupp ulterjuri tal-Konsorzji għall-Infrastruttura Diġitali Ewropea, iċ-Ċentri Ewropej tal-Innovazzjoni Diġitali u, fejn ġustifikat, Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI), filwaqt li jisħaq fuq il-ħtieġa ta' ottimizzazzjoni kontinwa tal-qafas tal-IPCEI, b'mod partikolari t-titjib tal-proċedimenti u l-perjodi ta' żmien tagħhom.
22. IFAKKAR fl-approċċ fuq tliet pilastri dwar il-promozzjoni, il-protezzjoni u s-sħubija stabbilit fl-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà Ekonomika u JENFASIZZA l-importanza għall-kompetittività tal-Unjoni li tiġi żgurata s-sigurtà ta' oqsma teknoloġiċi kritiċi u li jkun hemm protezzjoni kontra r-riskji tar-rilokazzjoni tat-teknoloġija, filwaqt li jiġu ppreservati il-ftuħ u d-dinamiżmu ekonomiku u nkomplu nibnu fuq sħubijiet ma' sħab internazzjonali tal-istess fehma. JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ikomplu jaħdmu flimkien fuq il-valutazzjoni tar-riskju tat-tliet oqsma tat-teknoloġija kritika diġitali bil-ħsieb li jiġu identifikati soluzzjonijiet komuni li jistgħu jtaffu ir-riskji bl-aħjar mod.

Infrastruttura diġitali

23. JESPRIMI l-importanza li jintlaħqu l-miri tal-konnettività tal-Programm ta' Politika dwar id-Deċennju Diġitali u li tiġi appoġġata ekosistema tal-infrastruttura diġitali innovattiva u mmexxija mill-kompetizzjoni, jiġifieri li jiġi żgurat li sal-2030 l-unitajiet domestiċi kollha tal-UE jkollhom aċċess għal veloċitajiet tal-Gigabits u network ta' veloċità għolja mingħajr fili bi prestazzjonijiet mill-inqas ekwivalenti għal dawk tat-teknoloġija 5G. F'dak ir-rigward, JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jstimulaw u jiffaċilitaw l-introduzzjoni ta' networks tal-5G u tal-fibra ottika siguri u reżiljenti kif ukoll biex jiffaċilitaw il-kondiviżjoni tal-infrastruttura biex jitnaqqsu l-kostijiet tal-introduzzjoni ta' networks b'kapaċità għolja ħafna u titħaffef l-introduzzjoni tagħhom madwar l-Unjoni.

24. JILQA' d-diskussjonijiet dwar il-futur tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura diġitali tal-Ewropa bl-għan li jiġu żgurati networks u infrastrutturi diġitali siguri u reżiljenti fl-Unjoni kollha u globalment, inkluż fir-rigward tan-networks 5G u tal-fibra ottika kif ukoll kejbils sottomarini u sistemi bbażati fl-ispazju. JIEĦU NOTA tal-White Paper tal-Kummissjoni tal-21 ta' Frar 2024 dwar "How to master Europe's digital infrastructure needs?", ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Frar 2024 dwar Infrastrutturi Siguri u Reżiljenti tal-Kejbils Sottomarini u r-Rapport ta' Livell Għoli ta' Enrico Letta ta' April 2024 bit-titolu "Much more than a market". IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jivvalutaw bir-reqqa l-istat attwali tal-infrastruttura diġitali u x-xenarju regolatorju biex jiżguraw qafas sikur, robust u validu għall-futur għall-infrastrutturi u n-networks diġitali fl-UE kollha li jista' jrawwem l-innovazzjoni u jippromwovi l-kompetizzjoni għall-benefiċċju tal-utenti finali. JISĦAQ fuq il-ħtieġa li l-benesseri tal-konsumatur jinżamm fil-qalba tal-qafas regolatorju. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tiżviluppa, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, viżjoni fit-tul dwar in-networks diġitali u, filwaqt li tqis ir-rapport tal-Kummissjoni dwar il-funzjonament tal-Kodiċi għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi mistenni sal-21 ta' Diċembru 2025, tħejji t-triq għal azzjonijiet possibbli biex jissaħħaħ is-suq uniku għas-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika.
25. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu bl-isforzi tagħhom u jsaħħuhom biex jistabbilixxu qafas ta' politika attraenti għar-riċerka u l-iżvilupp tas-6G kif ukoll għall-introduzzjoni tas-6G abbażi ta' viżjoni strateġika xierqa tas-6G li tqis ir-rikonoxximent bikri tal-ħtiġijiet tal-ispettru abbażi tal-valutazzjoni tar-rekwiżiti ta' kopertura u kapacià għall-każijiet ta' użu tas-6G u l-impatt ambjentali tagħha.
26. JIRRIKONOXXI l-isforzi tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni permezz tal-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew biex jikkoordinaw l-investment Ewropew f'infrastrutturi ewlenin tas-supercomputing u soluzzjonijiet tas-software li jakkumpanjawhom, li ser ikunu fundamentali biex tiġi żgurata t-tmexxija Ewropea f'firxa kbira ta' applikazzjonijiet xjentifiċi u industrijali, u JILQA' t-twessigħ tal-missjoni tal-Impriża Konġunta sabiex tinvesti wkoll f'superkompjuters ottimizzati mill-IA, fil-ħolqien ta' fabbriki tal-IA, li r-riżorsi tagħhom għandhom ikunu disponibbli għal għadd kbir ta' utenti pubbliċi u privati, b'mod partikolari negozji ġodda Ewropej tal-IA biex iħarrġu l-mudelli kbar tal-IA u s-sistemi ġenerattivi tal-IA tagħhom.

Strateġija għad-data

27. JENFASIZZA l-passi sinifikanti li saru lejn l-iżvilupp ta' governanza tad-data robusta tal-UE li ttejjeb il-fluss liberu tad-data, l-aċċess ġust għad-data u l-użu tagħha b'mod sigur, interoperabbli u affidabbli f'konformità mal-prinċipji u s-salvagwardji stabbiliti fl-Att dwar il-Governanza tad-Data u l-Att dwar id-Data kif ukoll ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-data. JENFASIZZA l-importanza li jitkompla l-iżvilupp ta' spazji siguri tad-data fis-setturi u bejniethom abbażi tal-esperjenza mill-ispazji tad-data eżistenti. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tagħmel użu sħiħ mill-kompiti tal-Bord Ewropew għall-Innovazzjoni fil-Qasam tad-Data, u tkompli ssaħħa ir-rwol tagħha fl-appoġġ tal-koordinazzjoni bejn u mal-Istati Membri sabiex tiżgura implimentazzjoni b'suċċess tal-qafas leġislattiv tal-UE dwar id-data u tippromwovi l-konsistenza tiegħu ma' inizzjattivi settorjali.
28. JIRRIKONOXXI l-passi importanti li saru lejn l-iżvilupp ta' servizzi tal-cloud u tal-edge interoperabbli, fdati, sikuri u siguri. JAPPELLA lill-Kummissjoni tkompli bl-isforzi tagħha, filwaqt li tibni fuq l-implimentazzjoni rapida tal-Att dwar id-Data, biex tippromwovi l-interoperabbiltà u l-portabbiltà u biex tiżgura aċċess ġust, nondiskriminatorju u wiesa' għal soluzzjonijiet cloud u edge għan-negozji, b'mod partikolari l-SMEs. JISSOTTOLINJA l-importanza li jiġi żgurat suq tal-cloud u tal-edge tal-UE li jkun miftuħ, sigur, affidabbli u kompetittiv għall-benefiċċju tan-negozji u l-utenti Ewropej. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tkompli l-ħidma tagħha biex tistimula investimenti mmirati fis-servizzi cloud u edge tal-UE u l-iżvilupp ta' dawn is-servizzi tal-ġenerazzjoni li jmiss bħala aspett importanti tas-sovranià diġitali tal-Unjoni b'mod miftuħ u l-kompetittività.

Ħiliet diġitali

29. JISĦAQ fuq il-ħtieġa li jiżdiedu l-isforzi biex jitnaqqas id-distakk diġitali, inkluż id-distakk diġitali bejn il-ġeneri, billi jiġu żviluppati s-sensibilizzazzjoni, l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi diġitali taċ-ċittadini kollha, b'attenzjoni partikolari għall-persuni vulnerabbli, matul l-istadji kollha tal-ħajja. JISSOTTOLINJA r-rwol tal-Programm ta' Politika dwar id-Deċennju Diġitali u l-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali 2021-2027 biex jiġi żgurat li t-trasformazzjoni diġitali twieġeb għall-ħtiġijiet tas-soċjetà u tas-suq tax-xogħol tal-UE, inkluż permezz ta' networks reġjonali u lokali. JISTIEDEN lill-istituzzjonijiet kollha jappoġġaw dawn l-isforzi biex jitnaqqas id-distakk diġitali u biex jappoġġaw l-iżvilupp u l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet biex iċ-ċittadini tal-UE, is-setturi pubbliċi u privati jiġu mġhammra u akkumpanjati aħjar permezz tat-trasformazzjoni diġitali.
30. JISĦAQ FUQ il-ħtieġa ta' enfasi akbar fuq modi kif jiġi attirat u jinżamm it-talent fl-UE sabiex tissaħħaħ il-kompetittività tal-Unjoni Ewropea u l-pożizzjonament tagħha bħala attur diġitali globali. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tappoġġa lill-Istati Membri biex jilhqqu l-oġettivi tal-ħiliet diġitali tal-Programm ta' Politika dwar id-Deċennju Diġitali, b'mod partikolari permezz ta' sħubijiet akkademiċi u industrijali, inaqqsu l-ostakli biex jattiraw u jużaw it-talent diġitali kif ukoll jirrikonoxxu l-mikrokredenzjali fis-suq tax-xogħol f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-UE dwar approċċ Ewropew għall-mikrokredenzjali.
31. JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġu promossi l-edukazzjoni u t-taħriġ formali u mhux formali fl-ICT u fl-oqsma tax-Xjenza, it-Teknoloġija, l-Inġinerija, l-Arti u l-Matematika ("STEAM") biex jiġu żviluppati aktar il-ħiliet u l-kompetenzi diġitali, b'enfasi partikolari fuq in-nisa u l-bniet, peress li d-disparità severa u persistenti bejn il-ġeneri fis-settur diġitali timmina kif jitfasslu u jintużaw soluzzjonijiet diġitali, b'konsegwenzi negattivi ppruvati għall-inklużjoni soċjali, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-kwalità tal-ħajja u t-tkabbir ekonomiku.

Tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali

32. JISSOTTOLINJA BIL-QAWWA li t-trasformazzjoni diġitali għandha timxi id f'id mat-tranżizzjoni ekoloġika. JENFASIZZA li l-iżvilupp u l-użu dejjem aktar mifrux ta' teknoloġiji diġitali bħall-IA, il-cloud u l-edge computing, id-dinjiet virtwali, il-blockchain, il-computing ta' prestazzjoni għolja, it-teknoloġiji kwantistiċi u l-Internet tal-Oġġetti jistgħu joffru opportunitajiet biex titrawwem ekonomija ċirkolari Ewropea kompetittiva, titnaqqas l-impronta ambjentali u titħaffef it-tranżizzjoni ekoloġika. Madankollu, JIRRIKONOXXI li dawn it-teknoloġiji diġitali u l-ammont akbar ta' data u ċentri tad-data jirrikjedu ammonti kbar ta' riżorsi inkluż l-enerġija, l-ilma u l-materja prima kritika, u b'hekk jeżerċitaw pressjoni fuq l-ambjent u l-klima.
33. JISĦAQ fuq il-ħtieġa li titnaqqas l-impronta ambjentali tas-settur tal-ICT u li tiġi appoġġata t-tranżizzjoni tiegħu lejn in-newtralità klimatika sal-2050. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li tiġi promossa s-sensibilizzazzjoni, inkluż permezz ta' rekwiżiti ta' trasparenza u għaqal diġitali, kif ukoll li jiġu żviluppati soluzzjonijiet għan-negozji, is-setturi pubbliċi u l-konsumaturi, bħas-sostenibbiltà mid-disinn, biex jitnaqqsu l-impronta diġitali u l-iskart elettroniku tagħhom sabiex jiġi evitat konsum ineffiċjenti u f'konformità mal-prinċipju ta' riduzzjoni, riżu u riċiklaġġ.
34. JISĦAQ fuq l-importanza li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jappoġġjaw l-użu ta' soluzzjonijiet diġitali u ekoloġiċi kkombinati għall-innovazzjoni u t-tkabbir futuri fl-industriji u l-organizzazzjonijiet pubbliċi kollha. F'dak ir-rigward, JILQA' l-inizjattivi tal-UE meħuda biex tittejjeb il-kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar l-impatt enerġetiku u ambjentali ta' prodotti u ċentri tad-data.
35. JAPPELLA għall-iżvilupp ta' metodoloġiji ta' valutazzjoni bbażati fuq l-evidenza għall-kejl tal-impronta ambjentali kif ukoll l-effett pożittiv tat-teknoloġiji diġitali bbażati fuq data ta' kwalità għolja, komparabbli, affidabbli u standardizzata, u JHEĠĠEGĠ lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati biex jużaw dawn il-metodoloġiji biex jesploraw u jisfruttaw l-impatt ambjentali nett pożittiv potenzjali tad-diġitalizzazzjoni biex jassistu lill-UE tilħaq l-għan tagħha ta' tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika sal-2050 u l-miri tal-effiċjenza fl-enerġija għall-2030.

36. IFAKKAR fir-rieżami tal-Programm ta' Politika tal-UE dwar id-Deċennju Diġitali u JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirriflettu dwar iż-żieda ta' mira relatata ma' tranżizzjoni diġitali aktar ekoloġika bl-għan li jiġu ottimizzati l-konsum tal-enerġija u l-użu tar-riżorsi fis-settur diġitali u jiġi inkentivat l-użu ta' teknoloġiji innovattivi għall-benefiċċju tal-azzjoni klimatika.

Gvern diġitali

37. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa għal gvern diġitali, immexxi 'l quddiem mit-trasformazzjoni tas-settur pubbliku ċċentrata fuq il-bniedem, immexxija mid-data u ffaċilitata mill-IA, filwaqt li jiġu inkorporati l-prinċipji ewlenin għal governanza tajba bħall-interoperabbiltà, l-inklużività, it-trasparenza u s-sostenibbiltà. F'dan ir-rigward, JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tippromwovi l-iskambju tal-għarfien u biex tappoġġa inizjattivi konġunti bejn l-Istati Membri.
38. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tkompli bl-appoġġ tagħha għall-iżvilupp ta' servizzi diġitali pubbliċi interoperabbli u l-interkonnnessjoni transfruntiera tal-infrastrutturi tal-amministrazzjonijiet pubbliċi, inkluż l-infrastrutturi cloud u edge, biex tikseb ir-reżiljenza, l-effiċjenza u s-sostenibbiltà akbar tagħhom, u biex tirrifletti aktar, flimkien mal-Istati Membri, dwar l-ostakli tekniċi, legali, semantiċi u operazzjonali tagħhom u dwar kif dawn jistgħu jingħelbu.
39. JENFASIZZA l-ħtieġa li jitqiesu l-implikazzjonijiet diġitali u tal-interoperabbiltà tal-politiki mill-bidu nett, sabiex jiġu indirizzati kwistjonijiet potenzjali qabel iż-żmien, biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni bla xkiel tal-leġislazzjoni u biex jitnaqqas il-piż tar-rappurtar regolatorju kif ukoll il-kostijiet tal-konformità fuq in-negozji. F'dan ir-rigward, JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tqiegħed it-tfassil ta' politika lest għad-diġitalizzazzjoni fil-prattika permezz ta' linji gwida, għodod u taħriġ bl-għan li jitnaqqas id-distakk bejn it-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika.

Id-dimensjoni internazzjonali tal-politika diġitali tal-UE

40. IQIS li l-kwistjonijiet diġitali, li huma faċilitaturi importanti għall-kompetittività u s-sigurtà tal-UE, jiksbu piż internazzjonali sinifikanti.
41. JILQA' l-iżvilupp u t-tiżi ta' sħubijiet diġitali bilaterali u reġjonali u ftehimiet kummerċjali diġitali, kif ukoll il-kooperazzjoni f'fora multilaterali u dawk b'diversi partijiet ikkonċernati rilevanti u magħhom, sabiex jiġu promossi l-interessi strateġiċi tal-UE, inkluż is-sigurtà ekonomika, u l-approċċ iċċentrat fuq il-bniedem għall-governanza diġitali bbażata fuq id-drittijiet universali tal-bniedem.
42. JAPPELLA lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli u lill-Istati Membri biex jiżguraw approċċ proattiv u kkoordinat għall-iżvilupp ta' politika u azzjoni tal-UE aktar b'saħħithom, aktar strateġiċi, koerenti u effettivi u biex ikomplu l-kooperazzjoni ta' suċċess ma' entitajiet eżistenti bħall-Konferenza Ewropea tal-Amministrazzjonijiet Postali u tat-Telekomunikazzjoni (CEPT). JENFASIZZA l-hteġa li tissaħħaħ it-tmexxija tal-UE fl-affarijiet diġitali globali u JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli biex iħejju komunikazzjoni konġunta dwar is-suġġett li tisfrutta kemm l-għarfien espert tekniku kif ukoll dak diplomatiku u tibni fuq ir-responsabbiltajiet u r-riżorsi kondiviżi fil-livell tal-UE u dak nazzjonali. F'dan il-kuntest, JILQA' l-ħidma li saret biex tiġi żviluppata Diplomazija Diġitali koerenti tal-UE mill-Istati Membri, ir-Rappreżentant Għoli u l-Kummissjoni u JAPPELLA għal tiżi ulterjuri tal-approċċ ta' Tim Ewropa, pereżempju fir-rigward tal-konnettività sigura u affidabbli u l-governanza globali tal-IA.
43. JENFASIZZA l-hteġa li tiġi żviluppata strateġija tal-UE dwar il-governanza ta' diversi partijiet ikkonċernati tal-Internet biex tiġi stabbilita pożizzjoni komuni li għandha tinżamm f'fora internazzjonali bil-ħsieb li jiġi żgurat Internet miftuħ, liberu, affordabbli, newtrali, globali, interoperabbli, affidabbli u sigur.
44. JILQA' l-għan li tiżdied it-tmexxija Ewropea fl-iżvilupp ta' standards globali biex jiġi xprunat impatt akbar mill-attivitajiet Ewropej ta' riċerka u innovazzjoni, bl-użu tal-istandardizzazzjoni bħala pjattaforma internazzjonali ta' skalar għall-innovazzjoni f'konformità mal-valuri tal-UE.